# KWADROLOĠIJA TAL-ĦMAR (4)

## Il-partiti u l-ispojlers



LORNA VASSALLO
http://vassallolorna.com
www.facebook.com/lejnmaltaaaa

Fl-ewwel artiklu ta' din is-sensiela ddiskutejt kif il-fatt li ċerti nisa ma telgħux fil-passat aktar kellu x'jaqsam ma' fejn kienu jidhru fuq il-polza tal-vot. U li kieku kienu rġiel ukoll ma kinux jitilgħu.

Fit-tieni artiklu ddiskutejt studji xjentifiċi li, fost oħrajn juru, li kull elezzjoni kull distrett, l-aħħar żewġ kandidati fuq il-lista tal-vot jiġu wkoll l-aħħar mill-għadd talvoti. Fit-tielet artiklu għidt kif ironikament malli ddaħħal il-mekkaniżmu tal-ġeneru, ingħatat ukoll il-fakultà lill-irġiel li jibdlu kunjomhom apparti li fil-co-options qed jintagħżlu kważi dejjem irġiel. Fi kliem ieħor, f'isem l-ugwaljanza l-irġiel marru aħjar min-nisa. Tant qed jinbidlu kunjomijiet li mil-lista ta' MPs li telgħu mingħajr mekkaniżmu tal-kostituzzjoni jew tal-ġeneru imma li setgħu telgħu bil-by-election jew co-option insibu li preżentement fil-Parlament Malti hemm 39 membru b'kunjomu mill-A sad-D u 26 b'kunjomhom mill-E saz-Z tant li saret diffiċli li kandidat b'kunjomu jibda bid-D li jżomm postu aħseb u ara biż-Z.

B'dan m'iniex ngħid li l-fenomenu tal-kunjom huwa l-uniku fattur li jista' jgħin kandidat/a jitilgħu jew le f'elezzjoni. Miegħu jistgħu jiżdiedu diversi fatturi oħra bħal fejn trabba jew fejn jogħod kandidat (jekk hux f'raħal żgħir jew kbir), il-mezz finanzjarji tal-kandidati, jekk kienx/kinitx j/taħdem, kemm dehru fuq televiżjoni, jew, jekk jiġux minn xi ħadd fil-politika. U iva ... il-fatt li kandidata tkun mara tagħti wkoll lok għal aktar diskriminazzjoni.

Mela għaliex il-partiti politiċi ewlenin ma jagħmlu xejn biex jirranġaw dawn l-anomoliji?

Malta nħaddnu waħda mill-aktar sistemi elettorali ġusti fid-dinja. Nistgħu nivvotaw għall-kandidati kollha skont il-preferenza.

Allura, matul iż-żmien il-partiti politiċi ewlenin żviluppaw metodi kif xorta waħda jxaqilbu kif iridu r-rieda tal-poplu.

Il-fatt li l-kandidati dejjem jiġu elenkati skont il-kunjom jippermetti lill-partiti jkunu jafu bil-quddiem min ħiereġ għall-elezzjoni. Dan flimkien ma' manuvri oħra ta' meta japprovaw il-kandidatura (jekk japprovawhiex fil-bidu jew fl-aħħar), kemm iħeġġu lill-kumitati lokali jaħdmu għal kandidat jew oħra, kemm l-istess kandidat jingħata karigi fil-partit u kemm j/titħalla jidher fuq televiżjoni.

Iżda l-manipulazzjoni ma tiqafx hemm. Xi kultant fuq il-lista tal-vot naraw kandidati li la qatt dehru fil-partit u lanqas fuq it-televiżjoni. Dawn il-kandidati jistgħu jkunu nies ġenwini li xi ħadd iħallihom joħorġu biex jiżgura li r-'rival' elettorali tiegħu jogħdos aktar 'l isfel alfabetikament jew inkella jkunu ħarġu bi ftehim ma' kandidat akbar u qegħdin hemm biss biex 'itellfu'.

F'każ partikolari 'kandidat' tajjeb kellu postu fl-ewwel post tal-vot għal diversi elezzjonijiet. U l-ewwel kandidat probabbilment għandu mal-200 sal-500 vot li jiġu mingħajr sforz ta' xejn. Għalkemm għadhom jeżistu nies li ma jafux jiktbu, hemm nies li jibżgħu li jiżbaljaw u jippreferu xorta jivvotaw minn fuq għal isfel. Minbarra hekk, il-fatt li kandidat/a jkunu fil-bidu nett tal-vot ifisser li apparti milli jibbenefikaw minn unijiet ta' nies li ma jafuhomx, jibbenefikaw minn duwijiet, trejiet u erbgħat aktar minn min ikun 'l isfel minnhom. In-nies li jagħtu n-numri mill-4 'il quddiem bl-addoċċ f'elezzjoni probabbilment jammontaw għal aktar minn 70% tal-elettorat.

F'dan il-każ partikolari, li ġara, kien li persuna li kienet ilha titla' għal ħafna żmien, fl-aħħar ħarġilha kandidat fuq id-distrett tagħha li kellu ismu u kunjomu jiġu qabel tiegħu fil-lista. F'daqqa waħda l-kandidat anzjan naqqas mat-300 vot. Matul it-tieni elezzjoni li kkontesta l-kandidat il-ġdid fl-ewwel post tal-polza tal-vot ħarġet persuna li ħadd ma jaf min hi. Il-kandidat l-antik reġa' naqqas il-voti u fil-fatt ġab mas-600 vot inqas minn meta kien hu l-ewwel fil-polza tal-vot. Imma fit-tieni elezzjoni tal-kandidat iż-żgħir ħafna mill-voti ta' dawk li jivvotaw minn fuq s'isfel probabbilment ħadhom il-kandidat skonoxxut u għalhekk, dan il-kandidat qeda l-funzjoni li jtellef lill-kandidat iż-żgħir. Tant jagħmel impatt il-post ta' kandidat fil-polza tal-vot li l-kandidat anzjan l-elezzjoni ta' wara (it-tielet elezzjoni tal-kandidat iż-żgħir), ma telax.

Minkejja l-ħafna osservaturi tal-Ġnus Magħquda li jkollna josservaw l-elezzjoni tagħna jassikuraw li hija ġusta, ma jfissirx li aħna demokratiċi mija fil-mija. Id-demokrazija hija biss l-aħjar sistema imma żgur li mhix perfetta.

Nistennew u naraw x'jista' jkun lest għalina fil-futur. Il-bidla konvenjenti tal-kunjomijiet issa qed tilħaq ċerta livelli li qed tittrasfigura l-Parlament fi klabb magħżul skont kunjomu aktar milli skont kemm ħadem elettoralment. Qed ixxejjen jew taffettwa ħażin ukoll ċerti sistemi bħall-by-election, co-option, u l-mekkaniżmi tal-ġeneru u tal-kostituzzjoni u qed turta wkoll ċerti politiċi stabbiliti li ma jixtiqux 'iċedu s-siġġu'. Kull tip ta' elezzjoni f'Malta hija affettwata minnha. U tiddetermina r-rieda tal-poplu aktar mill-poplu nnifsu.

Jista' jkun li issa tant se jkollna kunjomijiet sbieħ li xi darba xi ħadd se jiddeċiedi li jsiru l-bidliet neċessarji. Imma, bħal dejjem, dak se jieħu ż-żmien. Wara kollox, meta sistema jibbenefikaw minnha ż-żewġ naħat tal-kamra, huwa ferm diffiċli li jibdluha. Wara kollox huma l-Membri tal-Kamra biss li jistgħu jibdlu l-liġijiet.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa. Għal aktar artikli tal-istess artikolista www.vassallolorna.com.

